

NEWSPAPER POST

# Il-Belt Victoria

*Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex*

*Jannar - Frar 2005* *Nru 142*




## *Messaġġ ta' l-Arċipriet*

Qed nitkellem magħkom, għeżież membri tal-komunità parrokkjali ta' San Ġorġ, hekk kif għadna fil-bidu ta' dan iż-żmien tar-Randan. Għadna kif iċċelebrajna l-Erbgħa tar-Rmied li mpenjana għall-konverżjoni tal-qalb, it-tiġdid tal-wegħdiet tal-Fidi li f'jum is-solennità ta' l-Appostlu Missierna u l-ħelsien mid-dnub nhar il-festa tal-Madonna ta' Lourdes.

Issa se nidħlu fil-qalba tar-Randan u għalhekk tajjeb li niftakru fis-sejħat tiegħu.

### Sejħa għat-tiġdid

X'hemm ġdid f'din is-sejħa għajr is-sejħa nfisha! Hija sejħa biex nisimgħu l-Kelma t'Alla imma b'mod ġdid! Kif? Billi naraw li tħalli effett fuq il-mod kif inġibu ruħna aktar minn qabel. Effett ta' konverżjoni interna, jiġifieri bidla tal-qalb, u effett ta' impenn estern ta' xhieda evanġelika, jiġifieri bidla ta' l-għemil fir-relazzjoni m'Alla u ma' xulxin.

*ikompli f'paġna 8*



# RANDAN 2005

## Korsijiet ta' Eżerċizzi Spiritwali

### GĦALL-MIŻŻEWĠIN

***Mit-Tnejn 14 sal-Ġimgħa 18 ta' Frar***

*6.30 pm :* Adorazzjoni

*7.00 pm :* Priedka minn Patri William Axiaq OFMCap

*7.40 pm :* Quddiesa

### GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

***Mit-tTnejn 14 sal-Ġimgħa 25 ta' Frar***

*7.00 pm :* Quddiesa

*7.30 pm :* Priedka minn Dun Etienne Caruana

### GĦALL KULĦADD *(l-Ewwel Kors)*

***Mit-Tnejn 28 ta' Frar sal-Ġimgħa 11 ta' Marzu***

*7.00 pm :* Quddiesa

*7.20 pm:* Priedka minn Dun Joe Zammit

### GĦALL KULĦADD *(it-Tieni Kors)*

***Mit-Tnejn 7 ta' Marzu sal-Ġimgħa 11 ta' Marzu***

*4.15 pm :* Priedka mill-Kan Mikiel Borġ

*5.00 pm :* Quddiesa

### GĦAT-TFAL

***Mit-Tnejn 14 ta' Marzu sal-Ħamis 17 ta' Marzu***

*4.30 pm :* Priedka minn Mons Salv Borg

*5.00 pm :* Quddiesa

**IL-BELT VICTORIA**

*Rivista ta' kull Xahrejn*



*Uffiċċju Editorjali:* **Ċentru Parrokkjali San Ġorġ**
**Triq il-Karità, Victoria, Għawdex.**
Tel: 21 55 63 77 • Fax: 21 55 69 81
email: info@stgeorge.org.mt
web: www.stgeorge.org.mt • radio: 104MHz FM

**Membri Ġodda fil-Komunità Parrokkjali**

12.12.04: **Simona**,
bint Dr. Anton Refalo u Lina nee' Buttigieg
08.01.05: **Daniella**,
bint Anthony Vella u Sharon nee' Vella

**Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ**

12.12.04: **Alvin Cardona** u **Maria Grech**
16.01.05: **Lewis Vella** u **Angela Sultana**

**Marru Jingħaqdu ma' Kristu Rxuxtat**

10.12.04: M'Angelo Formosa
10.12.04: Joseph Axiaq
21.12.04: Julie Azzopardi
04.01.05: Gużeppi Buttigieg
07.01.05: Adelina Lupi
10.01.05: Giorgina Bezzina
18.01.05: Cetta Borg
30.01.05: Gigi Sillato
31.01.05: Gina Pace

***Dalwaqt...***

## "DEJJEM F'QALBNA"

Antoloġija ta' xogħlijiet letterarji tal-Kan. Joe Mejlak miġbura fi ktieb ta' 'l fuq minn mitejn paġna u sittin ritratt bil-kulur. Aħsbu għal kopja kmieni.

## LOURDES 2005

Pellegrinaġġ ieħor organiżżat mill-Parroċċa
*Tluq:* **Il-Ġimgħa 29 ta' Lulju 2005**
*Lura:* **Il-Ħamis 4 t'Awissu 2005**
*Inżuru wkoll:* **Bartres, Pont D'Espagne, Luchon u Val D'Aran (Spanja)**

Booking fl-Uffiċċju Parrokkjali
jew Mons Salv Borg

# Editorjal

## Talb u Penitenza

Nhar l-Erbgħa 9 ta' Frar tajna bidu għar-Randan Imqaddes. Erbgħin jum li matulhom l-Insara huwa mħeġġa biex jitolbu Iżjed u jagħmlu penitenza. L-obbligu ta' penitenza u sawm kif kien madwar 50 sena ilu, illum imbidel kompletament. Jiem ta' sawm u astinenza baqa' biss tnejn: Ras ir-Randan u l-Ġimgħa l-Kbira. B'dan it-tibil ma jfissirx li l-Insara m'għandhomx jitolbu Iżjed u jagħmlu penitenza matul ir-Randan kollu.

Fid-dinja ta' llum, bl-aljenazzjonijiet li hawn, bil-progress li mess lil xtutna wkoll, jista' jkun li jkun hemm min ma tantx jagħti kaz ta' dawn il-ġranet bi tħejjija għall-Għid il-Kbir. Huwa minnu u għamlet sew il-Knisja li għamlet it-tibdil meħtieġ, pero' l-iskop ta' żmien ir-Randan ma nbidilx, u għalhekk xorta għdu żmien li matulu l-insara huma mħeġġa biex jirriflettu iktar dwar kif qed jgħixu bħala nsara, jitolbu iktar, u jagħmlu xi forma penitenza.

Il-Parroċċa tagħna toffrilna kull opportunita' biex matul dan iż-żmien tar-Randan nwettqu dmirna. Biżżejjed wieħed isemmi l-korsijiet ta' eżerċizzi spiritwali, li kważi fil-ġimgħat kollha tar-Randan jiġu organiżżati fil-parroċċa tagħna. Barra dawn ikun hemm ukoll ċelebrazzjonijiet oħra matul dan i-żmien biex inkomplu nitħeġġu u neżaminaw sewwa u kif inhu xieraq il-ħajja tagħna. Il-programm kollu tal-korsijiet ta' Eżerċizzi Spiritwali li qed toffrilna l-Parroċċa tagħna ssibuh fl-ewwel faċċata ta' din il-ħarġa. Għalhekk nattendu bi ħraġna skond il-kategorija tagħna.

Jekk verament nagħmlu minn dan Iż-Żmien tar-Randan żmien ta' talb u riflessjoni serja, inkunu denji biex niċċelebraw kif jixraq l-ikbar festa tal-Knisja Kattolika, l-Għid il-Kbir. F'dan il-jum ta' ferħ għandna nħossu verament l-effett ta' dak li nkunu wettaq matul ir-Randan u nkomplu bil-ħajja tagħna ta' nsara b'mod iktar awtentiku minn qabel.

# X' ħa nħallulhom lil uliedna ?



Tibni u tgħalli, tmur u tħalli. Dit-twissija min jaf kemm-il darba qaluhielna. Darba, biex donnu jtambarhieli iktar f'moħħi, xi ħadd semmieli l-libsa tal-kefen li tinħiet bla bwiet. Tassew, ingeddsu kemm ingeddsu, l-anqas l-iċken ħabba m'aħna sa nieħdu magħna. Imma rridu noqogħdu attenti li dak li sa nħallu warajna ma naqilgħux salt inkwiet bih. Min hu midħla tal-qorti jaf kemm kważi jsiru ħtija ta' dan l-imbierek wirt, kważi li jġebbdu s-snin u jġibu firdiet saħansitra bejn l-aħwa.

## Wirt materjali

L-ewwelnett, biex il-ġid li sa tħalli warajk jinqasam kif trid int, trid issejjaħ nutar u tagħmel testment. U dan, nismagħhom jgħidu, jaqbillek tagħmlu meta tkun għadek tiflaħ tiekol l-imqarrun il-forn. Hekk, bl-iswed fuq l-abjad, taċċerta ruħek li meta ismek jinqata' mil-lista tal-ħajjin, ir-rieda tiegħek isseħħ mija fil-mija. Imma, kull kif, trid toqgħod b'seba' għajnejn biex tagħraf tkun ġust , speċjalment jekk dawn il-werrieta jaħbtu wliedek stess. Tinsiex li karta bil-ġmied iġġib il-ġlied. Tiżbalja bl-ikrah jekk tagħmel il-preferenzi. Quddiem il-preferenzi u l-inġustizzja, aktarx jagħtik li tirribella. U flok uliedek jibqgħu jiftakru fik, jitolbu għalik u jberkuk, għandu mnejn, - kważi nibża' ngħidha, - jibdew jisthuk.

## Wirt ġenetiku

Qabel dal-wirt materjali, jiġi l-wirt ġenetiku. Hawnhekk jitfaċċa l-miraklu tan-natura. F'kull tarbija, ma' l-ewwel waqt tat-tnissil tagħha, issir it-trasmissjoni sħiħa tal-wirt ġenetiku. Mill-bidu nett dil-ħlejqa ġdida tirċievi dak kollu li setgħet tirċievi mingħand ommha u missierha, m'għand in-nanniet u l-bqija ta' l-antenati tagħha. Wara l-mument tal-konċepiment, il-patrimonju ġenetiku la tista' żżidu u l-anqas tnaqqsu.

L-ulied jirtu mingħand il-ġenituri tagħhom ħafna fattizzi, kemm minn ġewwa u kemm minn barra. Jirtu mhux biss it-tul, il-lewn ta' l-għajnejn u tal-ġilda u mitt ħaġ'oħra, imma wkoll it-temperament u l-karattru. Sikwit tisma' kummenti ta' dix-xorta : "Dak it-tifel qisu missieru mqaxxar; dik it-tifla mserdqa bħal ommha." Bir-raġun il-Malti jgħidlek: Il-fula bint il-miżwed u r-razza dejjem tiġbed.

Naturalment xi karatteristiċi fiżiċi u mentali li nkunu writtna jistgħu xi ftit jew wisq jinbidlu mħabba l-kwalita' ta' ambjent li nitrabbew fih. In-natura u l-ambjent għandhom l-istess qawwa ta' influwenza fuq it-tiswir tal-personalita' ta' dak li jkun. Ħu tewmin, anki identiċi; rabbihom f'ambjent differenti u tibda tinnota li ma jitilgħux 'fula maqsuma'.

## Wirt spiritwali

Bdejt bil-wirt materjali li rridu jew ma rridux xi darba nħalluh lil ta' warajna. Semmejt il-wirt ġenetiku, dak it-tinqix li tagħmel ommna n-natura, tinqix li tkun ħasbet għalih sa minn meta nkunu għadna mkenna fil-ġuf. Imma jeżisti wkoll wirt ieħor għal kollox differentri, wirt spiritwali li speċjalment aħna l-ġenituri obbligati nħalluh lill-għeżież tagħna. Minn dan il-wirt li jiswa aktar mid-deheb u l-fidda, sa nsemmi biss

Ikompli f'paġna 6

**IS-SENA TA' L-EWKARISTIJA.** Is-sena speċjail ta' l-Ewkaristija mhabbra mill-Papa Gwanni Pawlu II, bdiet f'Ottubru 2004 fil-Kungress internazzjonali fil-Messiku, u ser tispiċċa ma' l-Assemblea tas-Sinodu ta' l-Isqfijiet, f'Ruma, f'Ottubru 2005. Il-ħsieb ewlieni huwa: L-Ewkaristija; għajn u quċċata tal-ħajja u tal-missjoni tal-Knisja.
Nirringrazzjaw lil ***Lumen Christi Media Centre*** li tawna l-permess li nxandru fil-ħarġiet ta' Il-Belt Victoria ta' matul din is-sena, l-Ittra Apostolika **"MANE NOBISCUM DOMINE"** maqluba għall-Mati minn Mons Salv Borg.



# ITTRA APPOSTOLIKA

# Mane Nobiscum Domine

## tal-Q.T, Il-Papa Ġwanni Pawli II

Lill-Episkopat, lill-Kleru u l-Fidili

## Għas-sena ta' l-Ewkaristija
## Ottubru 2004 – Ottubru 2005

### *INTRODUZZJONI*

*1.* "Ibqa' magħna, għax issa sar ħafna ħin u l-jum diġa wasal biex jintemm". (cfr Lq 24, 29). Din kienet l-istedina meqjusa li ż-żewġ dixxipli, mexjin lejn Emmaws, f'dik l-għaxija stess tal-qawmien, għamlu lil dak il-vjaġġatur li kien seħibhom matul it-triq. Imtaqqlin minn ħsibijiet ta' dwejjaq, huma ma immaġinaw qatt li dak il-bniedem mhux magħruf kien l-Imgħallem tagħhom, li issa kien irxoxta. Madankollu huma ħassew il-qalb tagħhom titkebbes (cfr ivi. 32), waqt li kien qed jitkellem magħhom "ifissrilhom" l-Iskrittura. Id-dawl tal-Kelma ħall l-ebusija ta' qalbhom u "fetħilhom għajnejhom" (cfr ivi 31). Fost id-dellijiet ta' jum li kien għoddu wasal biex jintemm u d-dlam li kien nieżel f'qalbhom, dak ir-raġel miexi magħhom kien raġġ ta' dawl li kien qed jixgħel it-tama u jiftaħ il-qalbhom għax-xewqa ta' dawl sħiħ. "Ibqa' magħna" talbuh bil-ħerqa. U hu aċċetta. Minn hawn u ftit ieħor, il-wiċċ ta' Ġesu' kien ser jisparixxi, iżda l-Imgħallem kellu "jibqa'" taħt il-velu tal-"ħobż maqsum", li quddiemu għajnejhom kienu infetħulhom beraħ.

*2.* L-ikona tad-dixxipli ta' Emmaws toqgħod ferm tajjeb sabiex torjenta Sena li ser tara l-Knisja partikolarment impenjata sabiex tgħix il-misteru ta' l-Ewkaristija Mqaddsa. Fit-triq tal-mistoqsijiet tagħna u ta' l-inkwiet tagħna, kultant ta' delużjonijiet ħorox tagħna, dak il-Vjaġġatur divin ikompli jkun sieħeb tagħna, sabiex idaħħalna, permezz ta' l-interpretazzjoni ta' l-Iskrittura, fil-għarfien tal-misteri ta' Alla. Meta din il-laqgħa ssir sħiħa, mid-dawl tal-Kelma jidħol ukoll dak li jixxerred mill-"Ħobż tal-ħajja", li bih Kristu jwettaq b'mod sħiħ il-wegħda tiegħu li "jibqa' magħna l-jiem kollha ta' ħajjitna sa l-aħħar tad-dinja!" (Mt 28, 20)

3. Il-"qsim tal-ħobż - bħalma kienet tissejjaħ l-Ewkaristija fl-ewwel żminijiet - jinsab dejjem fiċ-ċentru tal-ħajja tal-Knisja. Permezz tagħha, Kristu jagħmel preżenti mal-mixja taż-żmien, il-misteru tiegħu tal-mewt u l-qawmien. Fiha, Huwa stess, fil-persuna tiegħu, jiġi milqugħ bħala l-"ħobż ħaj nieżel mis-Sema" (Ġw 6, 51), u miegħu qed niġu mogħtija r-rahan tal-ħajja ta' dejjem, li permezz tiegħu, induqu minn qabel l-ikla eterna ta' Ġerusalem tas-Sema. Ta' spiss, u dan l-aħħar permezz ta' l-Enċiklika **Ecclesia de Eucharistia** , filwaqt li poġġejt lili nnifsi fid-dawl tat-tagħlim tal-Missirijiet, tal-Konċilji Ekumeniċi u ta' l-istess Prediċessuri tiegħi, għamilt stedina lill-Knisja sabiex tirrifletti fuq l-Ewkaristija. Għalhekk mhux il-ħsieb tiegħi li f'din il-kitba, nipproponi mill-ġdid it-tagħlim diġa mogħti u li jiena



nixtieq li jiġi approfondit u assimilat. Madankollu, għal dan l-iskop, jiena ħassejt li għandha tkun ta' għajnuna Sena kollha kemm hi dedikata lil dan is-Sagrament tal-għaġeb.

4. Bħalma hu magħruf, is-Sena ta' l-Ewkaristija ser tkun mifruxa bejn Ottubru 2004 u Ottubru 2005. Okkażjoni mill-iżjed propizja għal din l-inizjattiva ġiet offruta lili minn żewġ ġrajjiet, li għandhom jimmarkaw il-bidu u t-tmiem: il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li ser jinżamm bejn l-10 u s-17 ta' Ottubru fi Guadaljara (Messiku) u l-Assemblea Ordinarja tas-Sinodu ta' l-Isqfijiet li ser tinżamm fil-Vatikan mit-2 sad-29 ta' Ottubru 2005, bis-suġġett: "**L-Ewkaristija għajn u quċċata tal-ħajja u tal-missjoni tal-Knisja**". Sabiex tgħinni norjenta ruħi lejn din il-mixja ma naqsitx konsiderazzjoni oħra: imiss ukoll f'din is-sena l-"**Jum Mondjali taż-Żgħażagħ**" li ser jinżamm f'Koln mis-16 sal-21 t'Awissu 2005. L-Ewkaristija hija ċ-ċentru vitali li madwaru nixtieq li ż-żgħażagħ jinġabru sabiex imantnu l-fidi tagħhom u l-entużjażmu tagħhom. L-ħsieb ta' inizjattiva ewkaristika bħal din, kienet ilha ferm tberren f'moħħi: infatti hija tikkonstitwixxi l-iżvilupp naturali tal-messaġġ pastorali li xtaqt nisħaqq fuq il-Knisja, speċjalment fis-snin tat-tħejjija tal-Ġublew, u li imbagħad komplejt fis-snin li ġew wara.



5. F'din l-Ittra Pastorali preżenti nipproponi li nisħaq dwar din il-kontinwita' ta' messaġġ, sabiex il-marka spiritwali tiġi milqugħa minn kulħadd. Rigward it-twettiq konkret tas-sena ta' l-Ewkaristija, nistenna l-heġġa personali tar-Rgħajja tal-Knejjes partikulari, li lilhom ma nieqaf qatt nissuġġerixxi interventi opportuni tal-Qima ta' Misteru hekk kbir. Barra minn hekk ma għandhiex tkun ħaġa diffiċli għall-Ħuti l-Isqfijiet li jagħrfuha bħala inizjattiva li qed tiġi ftit żmien wara t-tmiem tas-Sena tar-Rużarju u titqiegħed fuq livell spiritwali daqstant profond li ma għandhiex b'xi mod ittellef mill-programmi pastorali tal-Knejjes infushom. Anzi hija tista' ddawwalhom b'mod effikaċi, filwaqt li tankrahom mal-Misteru li jikkostitwixxi l-għeruq u s-sigriet tal-ħajja spiritwali tal-fidili kif ukoll ta' kull inizjattiva tal-Knisja lokali. Għalhekk ma inhix nitlob li nwaqqaf "mixjiet" pastorali li l-Knejjes singoli qed iwettqu, iżda huma għandhom jaraw li fihom isseħħ id-dimensjoni ewkaristika, li hija proprja tal-ħajja nisranija sħiħa. Minn naħa tiegħi, permezz ta' din l-Ittra, irrid noffri xi orjentamenti bażiċi, bit-tama li l-Poplu ta' Alla, bid-diversi komponenti tiegħu, jasal biex jilqa' l-proposti tiegħi mill-ewwel b'doċilita' u b'imħabba li tħeġġeġ.

*Ikompli minn f'paġna 6*

## *X' ħa nħallulhom lil uliedna ?*

aspett wieħed : l-ispirtu ta' ferħ u mħabba li bih għandna nżejnu l-qalb u l-moħħ tat-tfal.

### *Tliet fissazzjonijiet*

Jiddispjaċini li dan l-ispirtu ta' ferħ u mħabba qed noħonquh sa mit-tfulija. Iż-żmien hekk sabiħ u prezzjuż tat-tfulija , flok inżewquh jekk jista' jkun bis-sebat ilwien tal-qawsalla, qed nitfgħu fuqu bħal faldrappa sewda. Nieqaf fuq kawża waħda : Issib ġenituri, maturi u intelliġenti, imma morda bi tliet fissazzjonijiet kbar: fissazzjoni fuq ix-xogħol, oħra fuq id-dar u t-tielet waħda fuq l-iskola.

Bosta qed jgħixu ħajja sfrenata; minn xogħol għal xogħol. Jgħixu biex jaħdmu, flok jaħdmu biex jgħixu.Ma jafux jieqfu u jgħidu:"Issa daqshekk ! Biżżejjed !" Bil-kemm jiltaqgħu nhar ta' Ħadd fuq l-istess mejda għall-ikla ta' nofsinhar, aħseb u ara kemm isibu ħin jitolbu flimkien. Tiltaqa' ma' missirijiet li lil uliedhom jarawhom biss reqdin; la jkellmuhom u wisq anqas jilagħbu magħhom. Ma' dat-taħbit sfrenat issib min hu żmagat fuq id-dar. Iridha lussuża, mimlija sa ruħ ommha b'kull kumdita' li tista' toħlom biha. Is-sabiħa hi li meta llestuha, id-dar inġibuha qisha mużew, kollox xomm u erfa'. Xi drabi, sa żoni projbiti nsibu fiha. U biex inkomplu l-kwadru tinbet l-aħħar fissazzjoni , fuq l-iskola. Xi whud mhumiex kuntenti li wliedhom jirnexxu. Iriduhom dejjem bil-palju; l-ewwel f'kollox. Hawnhekk għandna wkoll ambizzjoni żejda. Iriduhom lit-tfal ilaħħqu ma' elf ħaġa, speċjalment mal-privatijiet. Dawn il-privatijiet, suppost, huma bħal mediċina, jeħodha biss min għandu bżonnha. Imma ħaslet daħlet il-kultura tal-privat, li bejnietna, hawn min qed jagħmel l-isbaħ negozju b'riħitha; u nifhimha, dak li jkun x'aktarx imur mal-massa.

### *Spirtu ta' mħabba u ferħ*

Quddiem dal-ġenn u dal-ġiri, flok ambjent ta' ferħ u mħabba, x'aktarx issib ambjent ta' gdiedem u tilwim. Ħajjet il-ġenituri titgerfex u tithabbel għax jagħmew wara il-frilli. Isiru qishom xkora nervi u malajr jitilfu l-boxxla. Jibda l-kliem iebes, sakemm fl-aħħar x'aktarx nispiċċaw bil-vjolenza fiżika. B'hekk nifthu ferita fil-qalb tarja tat-tfal, ferita li biż-żmien forsi tnaqqas mill-uġigħ imma ma tagħlaq qatt. Din hi t-traġedja li qed tolqot kważi ġenerazzjoni sħiħa. Sa minn ċkunithom qed nitfgħu fuqhom doċċa kiesħa li treżżahhom .

Fiċ-ċentru tal-familja daħħalna l-flus u l-kapriċċi u warrabna lil Alla. U fejn mhemmx Alla, jitfaċċa l-morr Biex nibnu fuq is-sod, fil-familja rridu nitgħallmu rrawmu ambjent ta' ferħ u mħabba. Dan ikun l-isbaħ u l-aqwa wirt li nistgħu nħallu lil uliedna. Jekk nagħmlu hekk, id-dar tagħna issir tixbah lil dik id-dar imsemmija fil-Vanġelu : tinżel ix-xita, ifuru l-widien, iqumu l-irwiefen, imma hija tibqa' wieqfa.

It-tfal kif osserva wieħed għaref, huma bħal fjuri sbieħ u delikati. La huma sbieħ, ta' min jifraħ magħhom u jgawdihom; la huma delikati, ejjew noqogħdu attenti u nibżgħu għalihom. Irridu noffrulhom l-isbaħ ambjent li nistgħu noffru, speċjalemnt bejn l-erba' ħitan tad-dar. Dan l-ambjent m'għandu bżonn ta' ebda lussu. Kulma jrid huwa atmosfera ġenwina u ta' mħabba u ferħ.

George N. Cassar

## 24 Mistoqsija u Tweġiba

• Liema hu l-isbaħ jum?
*Illum*

• Liema hu l-ikbar ostakolu?
*Il-biża'.*

• Liema hi l-iktar ħaġa ħafifa?
*Li tiżbalja.*

• Liema hu l-ikbar żball?
*Li taqta' qalbek.*

• Liema hu l-għerq ta' kull ħażen?
*L-egoiżmu.*

• Liema hi l-ikbar distrazzjoni?
*Ix-xogħol.*

• Liema hi l-agħar telfa?
*L-iskoraġġiment.*

• Liema huma l-aqwa Professuri?
*It-tfal.*

• Liema hu l-ewwel bżonn?
*Li tiftiehem.*

• Liema hu l-akbar ferħ?
*Li tgħin lill-oħrajn.*

• Liema hu l-akbar misteru?
*Il-mewt.*

• Liema hu l-agħar difett?
*Li tagħmel il-buri.*

• Liema hi l-iktar persuna perikoluża?
*Min jigdeb.*

• Liema hu l-ikreh sentiment?
Ir-rabja.

• Liema hu l-isbaħ rigal?
*Il-maħfra.*

• Liema hi l-essenzjal?
*Il-familja.*

• Liema hi l-aħjar triq?
*It-triq tas-sewwa.*

• Liema hu l-isbaħ sentiment?
*Il-paċi ta' ġewwa.*

• Liema hi l-aqwa merħba?
*It-tbissima.*

• Liema hi l-aqwa mediċina?
*L-ottimiżmu.*

• Liema hu l-ikbar sodisfazzjon?
*Dover moqdi.*

• Liema hija l-aqwa forza?
*Il-fidi.*

• Liema hu l-aktar bniedem meħtieġ?
*Is-saċerdot.*

• Liema hi l-isbaħ ħaġa fid-dinja?
*L-imħabba*

# Rokna Tfal

Għeżież Tfal,

Nittama li tinsabu tajbin. Għaddew il-vaganzi, bdejna sena ġdida u nittama li lkoll kemm intom għamiljtu xi riżoluzzjonijiet. Fil-bidu ta' sena ġdida, kulħadd jieħu xi deċiżjoni biex is-sena li tkun ġejja, tkun aħjar minn ta' qabilha. Jiena ċert li intom lkoll tixtiequ li tgħaddu sena fil-kwiet u bla tbatija. Bla dubju, jien dan nawguralkom.

Intant, ninsabu deħlin għal żmien tassew sabiħ u għażiż tas-sena, żmien ir-Randan imqaddes. Din is-sena l-Karnival wasal kmieni u mal-Karnival jaslu wkoll l-eżamijiet ta' nofs is-sena. Dawn importanti li jsiru għaliex huma bħal termometru, li minflok jimmarkaw id-deni, juru lill-istudenti fejn wasal il-progress tagħhom fl-iskola. Għalhekk importanti li ykunu mhejjijin sewwa għal dan l-appuntament u teħduh bis-serjeta'. Għax tiskanta kif jgħaddi ż-żmien u ssibu ruħkom qed tagħmlu l-eżamijiet ta' l-aħħar tas-sena flimkien ma' dawk tal-Junior Lyceum. Mela attenti!

Kif għidtilkom, ir-Randan huwa żmien li jfakkarna li bħala Nsara għandna nagħmlu xi ftit tal-penitenza. Mhux qed nitlobkom li ssumu, imma anke intom għandkom thossu d-dmir li matul dawn l-erbgħin jum tagħmlu xi ftit tas-sagrifiċċju. Matul ir-Randan nissiġġerilkom issibu ħin biex tinvistaw l-erbatax-il stazzjon tal-Via Sagra li nsibuhom f'kull knisja li nidħlu. Il-qofol ta' dan iż-żmien hija bla dubju l-Ġimgħa Mqaddsa. Qabel ikollna l-festa għażiża tad-Duluri u nittama li narakom tieħdu sehem fil-purċissjoni li toħroġ mill-knisja tagħha ta' San Ġakbu fi Pjazza Indipendenza l-Ġimgħa 18 ta' Marzu, wara l-quddiesa li ssir mill-Isqof fuq iz-zuntier tal-Knisja.

Fl-iskola jkollkom ukoll l-Eżerċizzi Spiritwali. Importanti li tisimgħuhom bl-attenzjoni għax dawb huma parti mit-tħejjija għall-festa kbira ta' l-Għid il-Kbir, li din is-sena ġej il-Ħadd 27 ta' Marzu. Ftit jiem wara jkollna fil-Parroċċa l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof. Dawk fostkom li ser jirċievu dawn iż-żewġ sagramenti jagħmlu sewwa li mil-lum stess jibdew jaħsbu f'dawn il-ġranet sbieħ.

Illum nieqfu hawn. Ngħaddu issa għall-kompetizzjoni li tista' trebbaħkom ktieb malti mill-Klabb Kotba Maltin (Tel: 2155 1325), li jitla' bix-xorti fost dawk li jwieġbu tajjeb.

***Il-Mistoqsijiet huma dawn:***

1. Semmi tliet rħula Għawdxin li jagħmlu l-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.
2. Liema huwa dak ir-raħal f'Għawdex li għandu l-istatwa ta' l-Aħħar Ċena fil-purċissjoni tiegħu?
3. Min ħadem l-istatwa tad-Duluri tal-Bażilika tagħna?

Ibgħatu t-tweġibiet tagħkom lill-***Editur, Il-Belt Victoria, Centru Parrokkjali, Bażilika San Ġorġ, Victoria,*** sa nhar il-Ġimgħa 4 ta' Marzu 2005

***Il-Kompetizzjoni tal-ħarġa ta' Novembru-Diċembru 2004 intrebħet minn Kersten Grima, 50, Triq Alfons M. Hili, Victoria.***

*Iz-Ziju Peppi*

# TELLIEQA

*B'dedika lil Ġużeppi Buttigieg, il-Bellu*

Waslet f'widnejja, Ġuż, l-aħbar hekk kiefra
li int ħallejt id-dinja kmieni kmieni
x'ħin anqas biss ix-xemx ma kienet feġġet
u l-ebda għasfur kien għadu m'għanna ħieni.

Ma stennejtekx li titlaq ħabta w sabta
għax saħħtek kienet għadha fl-aħjar tagħha;
jien kont narak itterraq qajla qajla
u l-hena tfittex biss tiltaqa' magħha.

Tiftakar, Ġuż, l-imħatra ta' bejnietna
li darba int u jien nagħmlu tellieqa
mit-Tokk sa ħdejn il-Mall u nerġgħu lura?
'Mma konna nafu sew, din kienet ħlieqa!

L-imħatra qatt ma seħħet, int taf tajjeb,
għaliex it-tnejn li aħna xjaħna sewwa;
bi tqila mmiddu l-pass bħan-nemla ċkejkna,
biex ma nħallux il-għejja 'ttina ġewwa.

'Mma kos, l-imħatra issa wettaqniha,
u int u jien tellaqna ma' xulxin:
irbaħtli, Ġuż; wasalt il-ġenna qabli
biex qabli tgħix fil-ferħ mal-qaddisin!

Ħallini issa waħdi niġri l-bqija
tat-triq li trid twassalni s-Sema ħdejk;
hemm, qrib San Ġorġ, bis-sabar ibqa' stenna
għax jien kuljum ninsab nitqarreb lejk.

Hemmhekk, ma' l-għana ħlejju ta' mitt anġlu,
int ibqa' doqq, jien ngħanni l-poeżija,
u ntemmu darba għal dejjem it-tellieqa
issiġġillata bl-isbaħ sinfonija!

*Kan. Joe Mejlak*

*Jaqbad mill-paġna ta' quddiem*

## Messaġġ ta' l-Arċipriet

F'din is-sejħa ta' tiġdid hemm is-sejħa biex nilqgħu l-inizjattivi ta' għajnuniet li toffri l-Parroċċa u d-Djoċesi tagħna: pellegrinaġġi ta' xhieda ta' Fidi, għemejjel ta' mħabba mal-foqra, attendenza għall-priedki taż-żmien, ħeġġa intima ma' Ġesù fl-Ewkaristija, qari ta' pubblikazzjonijiet tajba, eċċ.

### Pubblikazzjonijiet u Tagħrif

Minn dawn il-Parroċċa tagħna m'hix nieqsa, anzi, hija aktarx li hi l-aktar l-Parroċċa li tagħti importanza lix-*sharing* fit-tagħrif mal-membri tagħha.

B'mod regolari għandna din ir-Rivista li tinsab f'idejkom, il-Bullettin ta' kull ġimgħa, ir-radju "Leħen il-Belt Victoria", l-avviżi li jsiru fil-knisja, il-pubbikazzjoni tal-kalendarju u kotba-programm li joħorġu fi żminijiet speċjali, u issa anki l-website *www.stgeorge.org.mt*.

Għandna napprezzaw ix-xogħol kbir, u l-ispejjeż, involuti f'dawn il-mezzi ta' tagħrif, mezzi li ma jimpenjawniex darba kultant, imma litteralment kuljum, u dan għas-servizz tagħna lkoll.

Dawk fostkom li jistgħu jagħtu kontribut f'xi qasam imsemmi jew oħrajn li għandna ma ntbaħniex bihom għandu jersaq u jitkellem. Spazju għandna dejjem u merħba ikbar.

### Viżjoni tal-Parroċċa

Realtà bla viżjoni, hi x'inhi, tkun realtà tal-passat, mejta, tajba biss għad-dfin. Dan mhux ċertament il-futur tal-Parroċċa tagħna! La tridu l-Knisja u lanqas min irid il-ġdid lill-Knisja lokali.

Imma mhux biżżejjed li dan ikun jikkostitwixxi l-konvinzjoni tagħna. Jeħtieġ li nissoktaw nistinkaw sabiex il-viżjoni tagħna għall-Parroċċa tkun dik tal-Knisja u tad-Djoċesi.

Id-Djoċesi tagħna tinsab fi żmien ta' transizzjoni. F'dan ir-Randan tajjeb li nitolbu, u nieħdu inizjattivi prudenti, sabiex dan iż-żmien ikun ukoll żmien ta' *stock-taking*, ta' tiġdid, ta' identifikazzjoni ta' viżjoni ta' Kattoliċiżmu aktar bis-sens u aktar adattat għal żmienna.

### Stedina

Intemm dan il-messaġġ tiegħi billi nistedinkom issegwu tajjeb il-programm għal dan iż-żmien tar-Randan, tal-Ġimgħa Mqaddsa u ta' l-Għid. Fih novitajiet interessanti bħalma hija dik tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira nhar il-jum tagħha fil-għodu. Imma aktar importanti hija l-istedina impliċita sabiex nagħtu spinta lill-preżenza tagħna fil-ħajja tal-komunità parrokkjali li għandna xorti nagħmlu parti minnha.

***Arċipriet Mons Ġużeppi Farrugia***



*Lumen Christi Media Centre*

**Triq Fortunato Mizzi, Victoria • Tel: 21560496, 21560497**

GĦAL KULL XORTA TA' KOTBA RELIĠJUŻI